*ACTIO DE IN REM VERSO*

*ARTIKOLI 1028A U 1028B TAL-KODICI CIVILI.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 231/2016/LSO**

**L-Avukat Dr Patrick J Galea, karta ta' l-identita' numru 639759(M) bhala Mandatarju Specjali ta' Raiffeisen Bank Internationl AG, Bank u socjeta' estera, registrata fl-Austria bin-numru ta' registrazzjoni FN 122199 M**

**vs**

1. **Ditlef Tiggeler u li ghandu passaport Germaniz numru 5072133461 u**
2. **Kosmos Consulting Limited C-53309, u**
3. **B'digriet tat-13 ta' Ottubru 2017 gew nominati Dr Martin Fenech u l-PL Jeremy Buttigieg bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Detlef Tiggeler f' ismu proprju u bhala uniku Direttur ta' Kosmos Consulting Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors mahluf ta' Dr Patrick J Galea nomine datat 22 ta' Marzu 2016 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi fil-15 ta' Mejju 2014 il-Bank attur Raiffeisen Bank International AG erroneament u bi zball ittrasferixxa l-ammont ta' mija u sbatax-il elf ewro hames mija u sebgha u sittin ewro tnejn u erbghin centezmu (€117,567.42) ghal kont mizmum ma' HSBC Bank Malta plc b'IBAN numru MT07MMEB44680000000068037902001;

Illi fid-19 ta' Mejju 2014 Raiffeisen Bank International AG erroneament u bi zball ittrasferixxa l-ammont ta' mitejn u tmienja u tletin elf mija u disgha u sebghin ewro disgha u

erbghin centezmu (€238,179.49) f'kont mizmum ma' HSBC Bank Malta plc b' IBAN numru MT07MMEB44680000000068037902001;

Illi b'hekk kollox giet trasferita erroneament u bi zball is-somma ta' tliet mija u hamsa u hamsin elf seba' mija sitta u erghin ewro wiehed u disghin centezmu (€355,746.91) fl-istess kont IBAN indikat;

Illi z-zewg *payment orders* indikaw lill-konvenut Detlef Tiggeler bhala beneficcjarju, izda sussegwentement, lill-Bank attur wara waslitlu informazzjoni illi l-kont IBAN indikat numru MT07MMEB44680000000068037902001 kien kont mizmum minn Kosmos Consulting Limited ma' HSBC Bank Malta plc;

Illi z-zewg pagamenti saru bi zball ghaliex la Detlef Tiggeler u lanqas Kosmos Consulting Limited ma kienu intitolati jew kellhom bazi jew dritt jew gustifikazzjoni legali li jircievu dawn il-flus minn ghand il-Bank attur; il-bilanc gie trasferit fil-kont ta' Kosmos Consulting Limited fejn gie indikat il-konvenut Tiggeler bhala beneficcjarju;

Illi tali hlasijiet jirraprezentaw hlas ta' ammont mhux dovut;

Illi tali hlasijiet jirrapprezentaw ukoll hlas bi zball;

Illi inoltre l-konvenuti jew min minnhom arrikkew rwiehom indebitament u minghajr kawza gusta fis-sens ta' l-art 1028A u 1028B tal-Kodici Civili;

Illi t-tliet premessi fit-tliet paragrafi fuq indikati huma premessi seperati u alternativi; izda f' kull kaz, jitwieled obbligu min-naha tal-konvenuti illi jhallsu dak li rcevew u jew arrikkew rwiehom indebitament.

L-esponenti nomine ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ammont imhallas u ricevut, kif fuq spjegat, jirrapprezenta hlas fl-ammont ta' tliet mija u hamsa u hamsin elf seba' mija sitta u erghin ewro wiehed u disghin centezmu (€355,746.91), li ma kienx dovut jew alternativament hlas bi zball jew alternivament arrikkiment ingustifikat u ghalhekk il-konvenuti obbligati jirritornaw dak li rcevew jew fl-ammont li arrikkew rwiehom patrimonjalment;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lura l-ammont ta' tliet mija u hamsa u hamsin elf seba' mija sitta u erghin ewro wiehed u disghin centezmu (€355,746.91);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju mahrug fid-8 ta' Marzu 2016 u bl-imghax min-notifika ta' dan ir-Rikors Guramentat;

Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi.

Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2016.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti nomine datat 13 ta' Gunju a fol 36 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezenta lil Detlef Tiggeler kemm f' ismu proprju kif ukoll bhala Direttur ta' Kosmos Counsulting Limited, fl-atti ta' dan ir-rikors guramentat u fl-atti kollha ohra relattivi u sussegwenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta nnominat lill-Avukat Dr Martin Fenech u lill-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta ta' Dr Martin Fenech et datata 31 ta' Ottubru 2017 (fol 47) fejn espona :

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed jitlob lir-rikorrrenti jekk ghandu xi indirizz tal-konvenuti kemm personali kif ukoll tal-kumpanija sabiex ikun jista' jikkomunika mieghu;

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti jara stramba li ghaddew dawk il-flus kollha u jidher illi l-izball sar darbtejn u ghalhekk ghandu jipprova li vera sar zball;

3. Salv risposta ulerjuri meta jkun jaf il-fatti ahjar.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 28 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Lycia Cordina ghall-atturi u Dr Martin Fenech bhala kuratur. Xehdet bil-gurament taghha Dr Claudia Muscat, li prezentat Dok HSBC 3, u liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru Dr Patrick Galea, Dr Lycia Cordina u Dr Martin Fenech. Dr Patrick Galea jiddikjara li ghalaq il-provi, u l-istess ghamel Dr Martin Fenech. Dr Martin Fenech irrimetta ruhu ghall-

provi prodotti, izda kkontesta li mhux kredibbli li wiehed jiehu zball fuq l-ammont sostanzjali mertu ta' din il-kawza. Dr Galea da parti tieghu irribatta, li rrizulta mill-provi li dan kien dovut ghal zball fis-sistema tal-attur u zball uman tal-impjegata tal-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-azzjoni odjerna hija azzjoni *de in rem verso*, fejn il-Bank rikorrenti, tramite l-mandatarju specjali taghha, qed jipprocedi kontra l-intimati jew min minnhom, ghall-arrikkiment indebitu sabiex jithallas lura tal-flejjes li ghaddew fil-kont bankarju tal-intimat Kosmos Consulting Limited bi zball. Inoltre gie premess li anke Dietlef Tiggeler gie erronjament indikat bhala beneficjarju tal-versamenti. Jghid ukoll li ma kienux dovuti dawn il-hlasijiet.

L-intimat, tramite l-kuratur deputat, laqgha billi jghid li mhix solita li flejjes jghaddu bi zball f'kont bankarju ta' haddiehor ghal darba darbtejn, għaldaqstant jitlob li verament jigi ppruvat li kien hemm zball.

**<u>Fatti:</u>**

Illi jirrizulta li r-rikorrenti, istituzzjoni bankarja gewwa l-Awstria, ghamlet trasferiment ta' zewg ammonti ta' flejjes b'mod elettroniku fil-kont ta' Kosmos Consulting Limited u li Detlef Tiggeler kien indikat bhala l-beneficjarju.

Sussegwentement, il-Bank sar jaf li l-kont kien mizmum mis-socjeta` Kosmos Consulting Limited ma' HSBC Bank Malta plc. Il-pagamenti saru bi zball ghaliex la Detlef Tiggeler u l-anqas Kosmos Consulting Limited ma kienu intitolati ghalihom. Wara diversi tentattivi mir-rikorrenti biex jirkupraw il-flus, id-depoziti fil-kont ta' Kosmos Consulting Ltd gew maqbuda permezz ta' Mandat ta' Sekwestru, u l-ammont gie depozitati mill-HSBC Bank Malta plc taht l-awtorita` tal-qorti. Ir-rikorrenti pproceda b'din il-kawza biex jirkupra l-flejjes lura.

**Xhieda**

**Andreas Loicht** xehed (fol. 61-63) li fl-14 ta' Mejju, 2014 u fis-16 ta' Mejju, 2014, saru zewg trasferimenti wiehed fl-ammont ta' €117,567.42, u l-iehor fl-ammont ta' €238,179.49, mill-Bank Raiffeisen Bank International AG (ir-rikorrent) lill-HSBC Bank Malta p.l.c. (HSBC). It-trasferiment sar b'mod manwali via ordni ta' hlas elettroniku, u l-benificjarju tal-flejjes kien Detlef Tiggeler[1].

Ir-rikorrent irrizultalu li l-impjegat li ghamel dan it-trasferiment kien ha zball billi uza formola (*template)* flok ohra[2]. Lir-rikorrenti ma rrizultalux li Detlef Tiggeler kien ta' ordni lir-rikorrenti sabiex isir xi trasferiment. Id-dettalji tal-kont bankaru ta' Tiggeler mal-HSBC kienu fil-pussess tar-rikorrenti ghaliex zmien qabel, Tiggeler kien klijent tieghu u r-rikorrenti kien ghamel xi trasferimenti ta' flejjes fil-kont mal-HSBC fuq struzzjonijiet ta' Tiggeler dak iz-zmien. Meta vverifika l-affarijiet, lir-rikorrenti rrizultalu li l-kont ma'

[1] Dok. "P1" u Dok. "P2" fol. 64-65
[2] Dok. "P3" fol. 68

l-HSBC kien f'isem il-kumpannija Kosmos Consulting Ltd. Tiggeler kien id-direttur u l-azzjonista ta' din il-kumpannija[3].

Ir-rikorrent talab ir-radd lura tal-flejjes lill-HSBC[4]. B'ittra tal-24 ta' Gunju, 2014, l-HSBC wiegeb li fin-nuqqas ta' struzzjonijiet mill-benificcjarju, il-Bank ma setax jirrilaxxja d-depoziti[5].

In **kontro ezami** (fol. 100A-100C) jghid li l-impjegat li ghamel it-trasferimenti m'ghadux jahdem mar-rikorrenti. Ikkonferma li Tiggeler kien fil-passat klijent tar-rikorrenti.

**Eberhard Roschitz**, xehed (fol. 70-72) li huwa kien f'kuntatt ma' Detlef Tiggeler, kemm bit-telefon kif ukoll bl-email[6]. Huwa jistqarr li Tiggeler kien qallu li m'ghadx ghandu access ghal kont bankarju mal-HSBC f'Malta. Ix-xhud jghid li sahansitra pprepara ittra[7] u bghata lil Tiggeler biex jiffirmaha izda Tiggeler qatt ma baghta lill-HSBC, kif kien qallu li ser jaghmel.

Illi f'Marzu 2016[8], ir-rikorrenti ressaq talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fuq Tiggeler u Kosmos Consulting Ltd ghall-ammont ta' €355,756.9. Permezz ta' cedola ta' depozitu, HSBC ddepozita fir-Registru tal-Qorti l-ammont ta' €354,088.17.

In **kontro ezami** (fol. 100D-100E) jghid li z-zball min-naha tar-rikorrenti kien wiehed tekniku. Jikkonferma li l-kont

---

[3] Fol. 52-53
[4] Dok. "P4" fol. 67-68
[5] Dok. "P5" fol. 69
[6] Dok. "Q2" u Dok. "Q4" f'fol. 79 u 82-83
[7] Dok. "Q3" fol. 80-81
[8] Dok. "Q1" fol. 73-78

mal-HSBC ma kienx f'isem Tiggeler personali izda f'isem Kosmos Consulting Ltd.

**Alison Mifsud Brimmer** xehdet (fol. 89-92 u fol. 97-99) li fil-15 ta' Mejju, 2014 u 19 ta' Mejju, 2014, kienu saru zewg trasferimenti mill-Bank Raiffeisen Zentral Oesterrieich Bank AG fil-kont ta' Kosmos Consulting Ltd fl-ammont ta' €117,550.94 u €355,712.90 rispettivament[9].

Tghid ukoll li l-HSBC permezz ta' cedola ta' depozitu tal-21 ta' Marzu, 2016, iddepozita mar-Registru tal-Qorti l-ammont ta' €354,088.17[10].

**Dr Claudia Muscat** xehdet (fol. 105-107) li l-kont bankarju f'isem Kosmos Consulting Ltd illum huwa vojt wara li l-flejjes li kien hemm fih gew migbuda u depozitati in segwitu ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru numru 368/16[11].

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Illi l-azzjoni tentata mir-rikorrenti hija l-azzjoni *de in rem verso*. Din l-azzjoni, kif kwalifikata fid-duttrina u fil-gurisprudenza "*hija rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta' haddiehor, u ssib il-fondament taghha fil-principju "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem*" (L. 206 fr. *de regulis juris*)" ("**Giuseppe Calleja –vs- Walter Zammit Tabona**", Appell Kummercjali, 5 ta' April 1957).

9 Dok. "HSBC 1" fol. 88
10 Dok. "HSBC 2" fol. 94-96
11 Dok. "HSBC 3" fol104

Illi din l-azzjoni, llum hija statutorjament stabbilita fl-artikolu 1028A[12] u 1028B[13] tal-Kodici Civili. Ghalkemm fiz-zmien li nfethet din il-kawza, ma kienx ghad hemm fis-sehh dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi, li dahlu fis-sehh permezz tal-Att VIII tal-2007, l-insenjament u l-principji li jsejsu din l-azzjoni kienu ilhom stabbilti fil-gurisprudenza nostrana. Difatti, l-elementi li jsawru din l-azzjoni huma: 1. Il-vantagg jew utilita` minhabba xi gid ta' haddiehor li ghadda ghandha bla ma sar il-hlas ghalih, ossija l-arrikiment ingustifikat ('l arrichimento'). 2. In-ness ta' kawzalita` bejn il-hidma ta' parti u l-vantagg/jew arrekkiment tal-parti l-ohra jircieva l-haga. 3. Min ikun ircieva l-hidma tal-atturi, ikun arrikixxa ruhu b'dak li ghadda ghandu u fil-patrimonju tieghu, u dan minghajr ebda titolu. Dan huwa element li l-gurista Baudry Lacantinerie "Delle Obligazioni", Vol. IV pag.550, jiddiskrivi bhala "*il carattere ingiusto dell'arricchimento*". (Ara **Said vs Testaferrata Bonnici** P.A. – 16 ta' Gunju 1936, **George Sladden vs Albert Mais et,** P.A. (TM) – 27 ta' Jannar 2005), **Blye Engineering Co. Ltd. vs Victor Balzan et** (App. Inf. (PS) – 23 ta' Gunju 2004).

Illi l-principji li jirregolaw din l-azzjoni gew enuncjati wkoll fil-kaz **Rocco Bugeja vs George Micallef** P.A. (Imh. W. Harding) (Vol. XXXIV.i.784), fejn saret referenza ghal insenjament tal-guristi Aubry u Rau u ntqal: "*l actio de in rem verso e` un mezzo speciale, particolare, sussidiario, che si accorda in mancanza di altra tutela, quando al*

[12] "(1) Min, minghajr kawza gusta, jarrikkixxi ruhu ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti ta' l-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet soffriet dik il-persuna." (2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba.

[13] 1028B. L-*actio de in rem verso* ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu.

*danneggiato non compete altro rimedio dipendente dal contratto o quasi contratto o quasi contratto*."

Illi isegwi u dan huwa assodat fil-gurisprudenza nostrali li mhux lecitu li wiehed jaghmel profitt a skapitu ta' haddiehor. Koncettwalment, il-profitt huwa dak li ghandu dritt ghalih il-persuna li tkun ghamlet din it-tip ta' kawza u f'dan il-kuntest il-persuna li tkun inkorriet tali ndebitu hija ntitolata li tircievi kumpens gust, li ghandu allura jkun simili jew jekwivali ghall-valur tal-benefikati jew miljoramenti li saru. Fil-fatt fil-kawza "**Emanuel Bartolo vs Victor Micallef**" (P.A. - 28 ta' Ottubru, 2004) inghad li:- "*Ghalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantagg li t-terza persuna tkun kisbet minhabba l-ispejjez minfuqa mit-terz, u ghandha l-mira li terga' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun staghna u dak tal-parti li tkun ghamlet jew nefqet spejjez biex dan ikun sehh. Billi din l-azzjoni ghandha l-gherq taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wiehed lecitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx sehh kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata*".

Illi huwa assodat ukoll li din l-azzjoni hija wahda ekwitattiva. Difatti, l-principju li huwa l-pern ta' din l-azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistaghna a dannu ta' haddiehor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*) (Ara **Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi et**, P.A. (JRM) - 17 ta' April 2012. Ghaldaqstant, l-ghan ta' din l-azzjoni hi li trodd lura l-bilanc bejn dak li ghamel spejjez u l-parti l-ohra li tkun arrikkiet ruhha u gawdiet b'konsegwenza ta' dan.

Illi gie ribadit li din l-azzjoni ghandha l-qofol taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt. Fil-fatt, din l-azzjoni hija koncessa meta mhix esperibbli l-azzjoni *ex contractu*. (Ara **Grima vs Fava et** P.A. – 14 ta' Dicembru 1966 (Kollez.Vol. L.ii.487);

Difatti din l-azzjoni hija rimedju sussidjarju estiza ghal meta jsir l-arrikiment indebitu a dannu ta' haddiehor, in forza tal-principju *jure naturae aequum est neminem cum alterius detriment et injuria fieri locupletiorum*. (Ara **Vincent Parnis vs Av. Dr. Giuseppe Vella** (1955) Vol. XXXIX.II.764; **Josephine Gusman vs Anthony Agius** et P.A. (NC) – 21 ta' Jannar 2004) u **Louis Vella vs Alfred Borg et** P.A. (G.V. – 16 ta' April 2004); u gie ribadit ukoll li ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex ghalxejn mod iehor lil min arrikixxa ruhu bi hsara tieghu, jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm ebda azzjoni li setghet issir. (Ara **Zammit vs Farrugia et P.A**. – 10 ta' Dicembru 1955 (Kollez.Vol. XXXIX.ii.787); **Harry Saliba vs Denise Caruana** P.A. (JRM) – 6 ta' April 2006.

**Applikazzjoni ghall-kaz odjern**

Mill-provi mressqa lill-Qorti jirrizultalha li ghaddew flejjes minn fond tar-rikorrent ghal go kont bankarju tal-kumpannija intimata. Ghalkemm l-intimat kellu relazzjoni bankarja mar-rikorrenti fil-passat, din kienet intemmet numru ta' snin ilu. Ma tressqet ebda prova li r-relazzjoni ta' bejniethom regghet tqajmet mill-gdid, l-anqas li r-rikorrenti kien ircieva struzzjonijiet, la mill-intimati jew minn ghand terzi, biex jghaddu dawn il-flejjes fil-kont tal-kumpannija intimata. Jirrizulta wkoll li dan it-trasferiment kien dovut

ghal zball tekniku li sar minn trasferiment manwali bl-uzu ta' formola (template) flok ohra.

Illi l-intimati fir-risposta guramentata u waqt il-kontro ezami li sar lir-rapprezentanti tar-rikorrenti, jippruvaw jitfghu dubju fuq t-talbiet attriċi billi jghidu li 'l-izball' li fuqu huma mibnija t-talbiet attriċi fil-fatt jissarfu f 'zewg zbalji'. Jghidu wkoll li minhabba l-ammonti nvoluti fiz-zewg transazzjonijiet ma kienux zghar u jistaqsu kif ma gew evitati. Minkejja dan, jibqa' l-fatt li l-kumpannija intimata arrikkiet ruhha indebitament bit-trasferiment ta' dawn il-flejjes.

Illi dan kollu premess il-Qorti hija sodisfatta li jikkonkorru l-elementi kollha formanti l-bazi tal-azzjoni odjerna ta' arrikkiment indebitu, cioe` l-arrikkiment, in-nexus ta' kawza u l-effett u l-karattru ingust tal-arrikkiment, u ghaldaqstant ser tilqa' l-ewwel talba attrici.

Illi rigward il-kundanna ta' hlas, inghad li "*Dan l-ahhar il-Qrati taghna jidher li wessghu il-medda tal-applikazzjoni tal-kumpens biex ikun maghmul jiddependi wkoll minn fatti sopravvenuti li kapaci jawmentaw, jew inaqqsu, l-arrikkiment*" (Ara **Richard Azzopardi vs Isabel Cassar et** – PA (JRM) 1/3/2004)[14].

Il-Qorti izda tosserva li t-tieni talba attriċi hija limitata ghal kundanna biex jintradd lura l-ammont li gie trasferit (jigifieri dak ta' €355,746.91), flimkien ma' l-ispejjez inkorsi fir-rikors Mandat ta' Sekwestru.

---

[14] Din il-kawza giet modifikata fis-Sede tal-Appell billi l-Qorti tal-Appell irritiniet li l-azzjoni ma kenitx wahda ta' arrikkiment indebitu. Madanakollu l-osservazzjonijiet studjati dwar il-principji legali applikabbli huma validi.

Illi l-Qorti tilqa' t-tieni talba u tqis li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta’ tliet mija hamsa u hamsin elf, sebgha mija sitta u erbghin ewro, wiehed u disghin centezmu (€355,746.91), flimkien ma’ l-ispejjez inkorsi fir-rikors Mandat ta’ Sekwestru.

**Imghax**

Illi r-rikorrenti qed jitolbu l-imghax legali fuq l-ammont mid-data tan-notifika ta’ dan ir-Rikors Mahluf. Dwar dan, huwa mgħallem li “*il credito per l’indennizzo da arricchimento senza causa non produce interessi che dalla domanda, sorgendo il dovere giuridico di indennizzo solo quando il titolare dell’azione di arricchimento faccia valere la sua pretesa*”[15].

Il-Qorti tilqa' wkoll din it-talba u tghid li l-imghax dovut ser jibda ghaddej mid-data tal-prezentata tar-Rikors Guramentat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimati fis-sens li tichadhom, u t-tilqa’ t-talbiet attriċi kif gej:

**Tilqa’ l-ewwel talba** u tiddeciedi illi l-ammont imhallas u ricevut, jirrapprezenta hlas fl-ammont ta' tliet mija u hamsa u hamsin elf, seba' mija sitta u erghin ewro, wiehed u disghin centezmu (€355,746.91), li ma kienx dovut, sar bi

[15] Ruperto – Pescatore op. cit., pgnsa 2010 (fejn jiccitaw sentenza tal-Corte di Cassazione tas- 17.12.1969)

zball u ghaldaqstant sehh arrikkiment ingustifikat, u ghalhekk l-intimati huma obbligati jirritornaw dak li rcevew;

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lura l-ammont ta' tliet mija u hamsa u hamsin elf seba' mija sitta u erghin ewro wiehed u disghin centezmu (€355,746.91) lill-Bank rikorrenti flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tar-Rikors Guramentat sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez gudizzjarji inkluzi l-ispejjez tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 368/16 jithallsu mill-intimati solidalment.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**